# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 21**

**Rikors Numru 554/11 AE**

**Eric Abdilla, Patrick Abela, Josephine Agius, Therese Allman, Natasha Apap, Doris Aquilina, John Aquilina, Joseph Aquilina, James Attard, John Anthony Azzopardi, Manuel Azzopardi, Franco Bajada, Rosario Bajjada, Emanuel Baldacchino, Natasha Baldacchino, Pierre Balzan, Rodney Barbara, Sarah Bezzina, Anthony Bezzina, Kevin Bongailas, Ronnie Borg, Mary Brincat, Jurgen Bugeja, Rita Bugeja, Lorraine Bugeja, Gordon Busuttil, Joseph Calleja, Mario Camilleri, Rosario Camilleri, Peter Paul Camilleri, Marthese Carabott, Michael Carabott, Grezzju Caruana, Claudio Cassar, Marvin Lee Cassar, Godwin Catania, Tuse' Cauchi, Elizabeth Cherrett, Joseph Cini, Joseph Cini, Franco Costa, Leonard Cutajar, Aaron Cutajar, Sharon Delceppo, Yevgeny Desira, Gigliola Dingli, Carmele Ellul, Lilian Ellul, Carmelo Farrugia, Patrick Farrugia, Silvio Farrugia, Elaine Farrugia, Mario Fenech, Renato John Fenech, Marvin Fenech, Louis Ferriggi, Arthur Galea, David Galea, Brian Gatt, Mario Gauci, Miriam Gauci, Nadia Lia, Isabel Mallia, Joseph Mallia, Mark Mangion, Lucienne Markham, Graziella Mercieca, Charmaine Mifsud, Joanne Mifsud, Leonard Mifsud, Patrick Mifsud, Victor Mintoff, Paul Mula, Stephen Muscat, Jason Pisani, Sylvia Pisani, Joseph Piscopo, Joseph Polidano, Rudolph Polidano, Laura Pulis, George Sacco, Maria Saliba, Simon Saliba, Carmen Schembri, Lorainne Sciberras,**

**Mariella Sciberras, Joseph Scicluna, Patrick Slattery, Noel Spiteri, Marvic Spiteri, Johann Tabone, Joseph Vassallo, Ian Vella, Karl Jacob Vella, Christopher Vella, Steve Vidal, Martin Xuereb, Louis Zahra, Claudio Zammit, Consiglio Zammit, Jesmond Zerafa, u Mark Zerafa**

**v.**

**Id-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika) u t-Tabib Principali tal-Gvern**.

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqu l-atturi fl-10 ta' Gunju, 2011, u li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huma lkoll impjegati bħala Nursing Aides fis-servizz pubbliku taħt ir-responsabbilta' diretta tal-intimati;

"2. Illi permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Awissu 1996 (Dok. EA1), l-konvenuti waslu fi ftehim mal-General Workers' Union dwar miżuri temporanji li jirregolaw xi kundizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegati fil-qasam tan-nursing. Fost affarijiet oħra dan il-ftehim ipprovda li:

> "3.2.2 *A Nursing Aide will enter at Scale 15 and proceed to Scale 14 on completion of five years service in the grade.*
>
> "3.2.3 *Employees who at the time of signing of this document hold appointment as Health Assistants, and are appointed Nursing Aides in terms of the Agreement signed between the Government, The General Workers Union and the Union Haddiema Maghqudin on the 5$^{th}$ May 1993 will,* ***on a personal basis****, be allowed to proceed to Salary Scale 13 on completion of five years service as Nursing Aide in Scale 14.*"

"3. Illi r-rikorrenti ġew ingaġġjati wara l-iffirmar ta' l-imsemmi ftehim u għalhekk ġew preklużi milli javvanzaw għal Skala salarjali 13 filwaqt li impjegati oħra li wkoll jagħmlu x-xogħol

ta' Nursing Aides ma għandhomx tali restrizzjoni u għalhekk avvanzaw liberament għal Skala salarjali 13;

"4. Bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta), u senjatament l-artikolu 27 ta' l-istess Att, impjegati fl-istess klassi ta' impieg ingħatalhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali;

"5. Illi l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija skrittura privata tat-13 ta' Awissu 1996 huma anqas favorevoli għar-rikorrenti minn dawk speċifikati fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'effett tal-artikolu 42 tal-istess Att, huwa d-dritt għal remunerazzjoni ugwali li għandu jipprevali fuq ir-restrizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrenti bl-imsemmija iskrittura;

"6. Illi tali distinzjoni bejn l-impjegati hija għalhekk illegittima u abbużiva u għandha l-konsegwenza li tippreġudika direttament lir-rikorrenti kif ukoll li tikkawżalhom danni;

"7. Illi l-atturi sejħu lill-intimati, anke uffiċjalment, sabiex jippermettu l-avvanz tagħhom għal Skala 13 tas-Servizz pubbliku b'mod retroattiv għal meta tali avvanz kien dovut u inoltre, interpellawhom sabiex jgħaddu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens ossia danni sofferti minnhom bl-aġir u nuqqasijiet imsemmija, liema danni *inter alia* jinkludu d-differenza fis-salarji bejn Skala 14 u Skala 13 li r-rikorrenti ma rċevewx minħabba l-aġir abbużiv tal-intimati;

"8. Illi minkejja tali interpellazzjonijiet l-intimati baqgħu inadempjenti.

"Għaldaqstant, jgħidu l-intimati, jew min minnhom, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:

"1. Tiddikjara li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija skrittura privata tat-13 ta' Awissu 1996 huma anqas favorevoli għar-rikorrenti minn dawk speċifikati fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'effett tal-artikolu 42 tal-istess Att, huwa d-dritt għal remunerazzjoni ugwali li għandu jipprevali fuq ir-restrizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrenti bl-imsemmija skrittura;

"2. Tiddikjara li d-distinzjoni bejn l-impjegati li jagħmlu x-xogħol ugwali ta' Nursing Aides hija illegittima u abbużiva;

"3. Tiddikjara li l-r-rikorrenti għandhom jedd li javvanzaw għal Skala salarjali 13 tas-Servizz pubbliku b'mod retroattiv u għal dan il-għan tistabbilixxi d-data minn meta kull wieħed mir-

rikorrenti għandu jkun meqjus li avvanza għall-imsemmija Skala salarjali;

“4. Tiddikjara lill-intimati responsabbli għat-telf ta’ qliegħ li r-rikorrenti sofrew minħabba r-rifjut tal-konvenuti li jippermettulhom l-avvanz għal Skala salarjali 13;

“5. Tillikwida kumpens għat-telf ta’ qliegħ soffert mir-rikorrenti, rappreżentanti d-differenza fis-salarji bejn Skala 14 u Skala 13, li r-rikorrenti ma rċevewx minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tal-intimati;

“6. Tikkundanna lill-istess intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti il-kumpens hekk likwidat.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament, id-Direttur Generali esponenti mhuwiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni odjerna u dan peress illi l-funzjoni li kienet tappartjeni lilu ghaddiet ghand il-Public Administration Collective Bargaining Unit fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi;

“2. Illi preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta’ fondament legali ta’ l-azzjoni stante l-inapplikabilita’ ta’ l-Artikolu 27 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta) ghall-persuni impjegati fis-servizz pubbliku;

“3. Illi preliminarjament ukoll, in nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti in kwantu r-rikorrenti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi huma ghandhom javvanzaw fi skala salarjari 13 meta tali funzjoni tispetta lil Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

“4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi r-rikorrenti gew ingaggjati wara li harget call for applications ghall-grad ta’ nursing aides b’kundizzjonijiet liema kundizzjonijiet applikabbli ghar-rikorrenti kienu cari u qed jigu onorati mill-esponenti;

“5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija infondata wkoll peress illi l-pretensjonijiet vantati fil-kawza odjerna huma prettament ta’ natura ta’ kwistjoni industrijali u m’humiex bazti fuq drittijiet civili u dan stante li qatt

ma inholoq xi dritt favur ir-rikorrenti li javvanzaw kif qed jigi allegat;

“6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma qeghda ssehh ebda vjolazzjoni tal-principju dwar il-hlas ugwali ghal xoghol ta’ valur ugwali stante illi r-rikorrenti u l-impjegati l-ohra li r-rikorrenti qed jirreferu ghalihom kienu diga` ingaggjati fis-servizz pubbliku fi grad ta’ health assistants fil-mument li gew iffirmati l-interim measures fit-8 ta’ Awwissu 1996. Illi tali mizuri ttiehdu bhala parti minn riforma li kienet qed issir sabiex jigi phased out il-grad ta’ health assistant u ghalhekk hemm spjegazzjoni oggettiva ghad-differenza fl-avvanzar applikabbli ghall-kaz tar-rikorrenti;

“7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni hija totalment infondata u dan peress illi diskriminazzjoni trid tigi ezaminata f’sitwazzjoni ta’ persuni li jkunu fl-istess posizzjoni. Illi s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija differenti minn dik tal-persuni li huma milquta bil-mizuri ffirmati fit-8 ta’ Awwissu 1996 u ghalhekk kull allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni ghandha tigi respinta;

“8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Artikolu 27 tal-Att XXII tal-2002 ma jistax jigi interpretat bhala li jaghti xi drittijiet godda lir-rikorrenti li qatt ma kien japplika ghalihom il-ftehim tat-8 ta’ Awwissu 1996. Illi l-Artikolu 27 ma jistax jigi interpretat izolament kif qed jippretendu r-rikorrenti izda jrid jigi interpretat fl-ambitu tar-riforma;

“9. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-agir tal-esponenti dejjem kien wiehed legittimu u certament mhux wiehed abbuziv stante illi huma dejjem agixxew b’konformita` mal-Ligi u ghalhekk l-esponenti ma jirrispondu ghall-ebda danni;

“10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2011, l-ewwel Qorti ordnat li kellhom jigu trattati u decizi l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 2012, li in forza taghha cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, izda laqghet it-tieni eccezzjoni taghhom u cahdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom;

Dik il-Qorti tat-is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-qorti rat l-atti, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.
>
> "F'din il-kawza l-atturi, li huma mpjegati bhala *nursing aides*, qeghdin jilmentaw li kundizzjonijiet ta' impjieg introdotti wara li fit-13 ta' Awissu 1996 sar ftehim bejn il-General Workers Union u l-Gvern, ma japplikawx ghalihom. Permezz ta' dak il-ftehim gie miftiehem li nursing aide jibda minn skala 15 u wara 5 snin ta' impjieg jidhol fi skala 14. Inoltre, jinghad li min fit-13 ta' Awissu 1996 kien jokkupa l-kariga ta' Health Assistant u jinghata l-kariga ta' Nursing Aide bis-sahha ta' ftehim iffirmat fil-5 ta' Mejju 1993 bejn il-General Workers Union, Union Haddiema Maghqudin u l-Gvern, *"......will, on a personal basis, be allowed to proceed to Salary Scale 13 on completion of five years service as Nursing Aide in Scale 14."*.
>
> "L-atturi ddikjaraw li huma kollha gew impjegati wara l-ftehim tal-5 ta' Mejju 1993 u ghalhekk m'ghandhomx l-opportunita li jitilghu ghal skala 13 ghal dak li jikkoncerna s-salarju.
>
> "L-atturi jsostnu li:-
>
> i. "Permezz tal-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) impjegati li jaghmlu l-istess xoghol ghandhom jinghataw l-istess rimunerazzjoni.
> ii. "Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 huma inqas favorevoli ghall-atturi kontra dak li jipprovdi Kapitolu 452. In forza tal-Artikolu 42 id-dritt ghal rimunerazzjoni ugwali ghandha tipprevali fuq dak li gie pattwit fil-ftehim.

"Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-atturi qeghdin jibbazaw l-ilment taghhom fuq l-Aritkolu 27 u 42 tal-Kap. 452 u jsostnu li d-distizjoni li hemm bejn Nursing Aides impjegati wara l-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 u dawk impjegati qabel, jikser il-ligi. Hu f'dan il-kuntest li qeghdin jippretendu li jinghataw rimedju.

"L-Artikolu 27 tal-Kap. 452 jipprovdi:-

> "*Impjegati fl-istess klassi ta' impieg ghandhom id-dritt ghall-istess rata ta' rimunerazzjoni ghal xoghol ta' valur ugwali:*
>
> "*B'dan illi principal u haddiem jew union ta' haddiema b'rizultat ta' negozjati ghal ftehim kollettiv jistghu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, zidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xoghol ohra differenti ghal haddiema li jkunu impjegati fi zminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlahaq wara zmien stabbilit; u*
>
> "*B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbazata fuq trattament diskriminatorju mod iehor milli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi ligi ohra tkun nulla u bla effett*."

"L-Artikolu 42 jipprovdi:-

> '*Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jew ftehim kollettiv bejn il-principal u r-rapprezentanti maghrufin ta' l-union, jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l- kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att:*'.

"Ghal dik li hi l-ewwel eccezzjoni, id-dikjarazzjoni guramentata li ghamlet Dr Natasha Azzopardi permezz tat-twegiba guramentata, m'hijiex sufficjenti. Fl-att jinghad li din il-persuna tokkupa l-kariga ta' Tabib Principali tal-Gvern. Ghalhekk il-konvenut l-iehor, **Id-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorzi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika),** kellu jressaq prova in sostenn tal-eccezzjoni li l-funzjoni ghaddiet fi hdan il-Public Administration Collective Bargaining Unit. Prova li baqghet ma saritx. Fic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

Jidher li l-atturi gew kollha impjegati nursing aides wara l-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996. Huma nghataw biss id-dritt li javanzaw minn skala 15 ghal skala 14. Hemm imbaghad grupp li kienu impjegati mal-Gvern qabilhom, li bis-sahha tal-ftehim tat-13 ta' Awissu 1996 inghataw l-opportunita li minn skala 15 jitilghu ghal skala 13 wara li jaghmlu hames snin fl-iskala 14. Ghalhekk jidher li hemm zewg gruppi ta' nursing aides, grupp qieghed fi skala 13 u l-grupp l-iehor (fosthom l-atturi) qieghed fi skala 14.

Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li l-atturi huma impjegati tal-Gvern. L-Artikolu 84 tal-Kap. 452 jipprovdi:-

> *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, u bla pregudizzju ghad- disposizzjonijiet specjali li jinsabu fih dwar ufficjali pubblici, id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, barra mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 69 u 72 u mid-disposizzjonijiet dwar it-tkeccija jew tmiem ta' impieg, ghandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern u ghal haddiema li huma impjegati tal-Gvern kif ghandhom effett dwar impieg iehor u haddiema ohra. Id-disposizzjonijiet eskluzi b'dan is-subartikolu ma japplikawx ghal impjegati tal-Gvern hlief kif jista' jkun provdut bis-sahha ta' l-artikolu 48(1)."*

"Dwar il-provvediment li hemm f'Titolu I tal-Att (fosthom l-Artikoli 27 u 42) ma jinghad xejn. L-argument tal-Gvern hu li gialadarba m'hemmx provvediment *ad hoc* li jghid li l-provvediment f'Titolu I ghandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern, allura ma japplikawx ghall-impjegati tal-Gvern.

"Fil-fehma tal-qorti l-provvediment li hu rilevanti hu l-Artikolu 469A(6) tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

> *'(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, **u ta' kull disposizzjoni oħra** ta' din il-liġi u **ta' kull liġi oħra**, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, **u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra**.'*

"Jidher ghalhekk li b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex il-provvediment ta' Titolu I tal-Kap. 452 japplikaw ghall-impjegati tal-Gvern, jehtieg ikun hemm provvediment *ad hoc* li jaghmel Titolu I jew partijiet minnu applikabbli. Ma jidhirx li jezisti xi provvediment simili. Ghalhekk l-Artikolu 27 u 42 tal-Kap. 452 ma japplikawx ghall-impjegati tal-Gvern. Ghallinqas hekk jidher li hi l-ligi lokali sal-gurnata tal-lum. F'dawn ic-cirkostanzi l-azzjoni tal-atturi tfalli.

"B'riferenza ghat-tielet eccezzjoni l-qorti tillimita ruhha biex tghid li ghandha gurisdizzjoni biex tiddikjara dwar jekk il-provvedimenti tal-ligi li fuqhom ibbazaw l-ilment taghhom l-atturi, japplikawx ghalihom. B'daqshekk m'huwiex jigi ssindikat l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-qorti lanqas ma tkun qeghda tiehu xi funzjoni li b'ligi tispetta lill-Kummissjoni. Jekk kien jirrizulta li t-tezi tal-atturi ghandha mis-sewwa mill-aspett ta' ligi, ifisser li l-atturi kien ikollhom jedd jitilghu fi skala 13. Il-mod kif tigi implimentata decizjoni bhal dik hi kwistjoni ohra."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fl-ismijiet **Eric Abdilla et v. Id-Direttur Generali (Ufficcju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika) et**, rikors guramentat numru 554/2011AE deciza nhar l-20 ta' Marzu 2012, u dan billi tikkonfermaha in kwantu din cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-intimati u tirrevokaha, thassarha u tannullaha fejn laqghet it-tieni eccezzjoni u cahdet it-talbiet tal-appellanti, u b'hekk tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati llum appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati, u konsegwentement tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu li l-appell tal-appellanti ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra taghhom;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi, li huma impjegati bhala *nursing aides* u huma haddiema tal-gvern, qed jilmentaw mill-fatt li gew diskriminati u sar abbuz meta, fi ftehim bejn il-General Workers Union (GWU) u l-Gvern iffirmat fit-13 ta' Awwissu, 1996, huma gew eskluzi milli javvanzaw ghal skala 13 tal-iskala tas-salarju mal-gvern. Dan hu hekk peress illi, skont il-ftehim, huma dawk biss li kienu gia` impjegati bhala *nursing aides* fid-data tal-ftehim li setghu javvanzaw ghal skala 13, waqt li l-atturi, li kollha gew impjegati bhala *nursing aides* wara l-ftehim ta' Awwissu 1996, inghataw biss il-possibilta` li javvanzaw minn skala 15 ghal skala 14, u dan bi pregudizzju ghad-dhul annwali taghhom.

L-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni (dik marbuta mal-legittimazzjoni tad-Direttur Generali imsemmi bhala konvenut) u t-tielet eccezzjoni (dik relatata mal-gurisdizzjoni tal-Qorti li tisma' l-kaz), izda laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, dik relatata man-nuqqas ta' fondament legali tal-azzjoni stante l-inapplikabbilita` tal-artikoli invokati tal-Att dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-impjegati tal-gvern.

L-atturi appellaw minn din l-ahhar parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti u jargumentaw illi mhux biss l-artikoli tal-ligi invokati, l-Artikoli 27 u 42 tal-imsemmi Kap. 452, japplikaw ghall-kaz taghhom, izda, f'kul kaz, hija l-

ewwel talba biss li hija bazata fuq dawn l-artikoli, fil-waqt li t-talbiet l-ohra huma generali, marbuta biss mal-agir allegatament illegittmu u abbuziv tal-gvern.

Fuq l-ewwel argument, din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti, li l-artikoli tal-ligi invokati mill-atturi ma japplikawx ghall-haddiema tal-gvern. L-Artikolu 84 tal-imsemmi Kap. 452 jghid car u tond li l-Artikoli 27 u 42 huma eskluzi u ma japplikawx ghall-impjegati tal-gvern. Dak l-artikolu jsemmi liema partijiet mill-Kap. 452 japplikaw ghall-haddiema tal-gvern, u l-imsemmija zewg artikoli invokati mill-atturi huma eskluzi. L-Artikolu 469A (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid ukoll li, in linea generali, id-dispozizzjonijiet ta' ligi dwar kundizzjonijiet tal-impieg ma japplikawx ghall-haddiema tal-gvern, hlief safejn ligi tipprovdi mod iehor. Dan hu hekk peress illi servizz mal-gvern dejjem gie meqjus li johloq rapport specjali li huwa regolat b'dispozizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih, u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-gvern.

Kwindi, ma jista' jkun hemm ebda dubju, fil-fehma tal-Qorti, li l-artikoli tal-ligi invokati mill-atturi, li huma impjegati tal-gvern, mhux applikabbli ghalihom.

Fil-kuntest tat-tieni argument tal-atturi appellanti ma tarax li din il-kawza tista' timxi fuq binari generali. L-ewwel nett, fil-kawzali, l-atturi jirreferu ghall-Artikolu 42 tal-imsemmi Kap. 452 u jghidu li, bis-sahha ta' dak l-artikolu, ghandhom dritt ghal renumerazzjoni ugwali, u ezatt wara jghidu li "*ghalhekk*" id-distinzjoni li holoq il-ftehim hu illegittimu u abbuziv. Hu car li l-atturi rabtu l-ilment taghhom ma' provvediment tal-ligi li, kif rajna, mhux applikabbli ghall-kaz taghhom.

Inoltre, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-atturi ma humiex parti fil-ftehim tat-13 ta' Awwissu, 1996, u qed jghidu li dak il-ftehim hu ta' pregudizzju ghalihom. Bhala terzi allegatament ippregudikati minn kuntratt bejn zewg partijiet ohra, jekk ihossu li kuntratt bejn zewg entitajiet (f'dan il-kaz, il-gvern u l-GWU) jaghmel hsara lill-interessi taghhom, il-kawza, se mai, kellha tinfetah kontra l-<u>partijiet kollha</u> fuq il-ftehim, u mhux kontra naha wahda. Dan juri li l-atturi, kif ifformolaw il-kawza, ma riedux jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq "*principju ta' gustizzja*" b'mod generali, izda jippretendu rimedju taht ligi partikolari li, pero`, kif rajna, ma hijiex applikabbli ghalihom.

Fil-fatt, ma jidhirx li quddiem l-ewwel Qorti tressaq dan it-tieni argument, u hu biss issa, fi stadju tal-appell, li l-atturi appellanti qed jipprovaw iwessghu l-parametri tal-azzjoni taghhom kif arginata. Dan, hu risaput, mhux permess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-atturi appellanti in solidum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df